MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 902/2007

**Food Industries Limited (C-6217)**

**Vs**

**Vinadio Company Limited (C-30429)**

**Il-Qorti**

Rat l**-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi kif jidher mill-*istatement of account* anness u mmarkat bhala **Dok A** l-intimata Vinadio Company Limited ghandha taghti lir-rikorrenti Food Industries Limited is-somma totali ta' erbatax -il elf erba' mija u sittin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm14,460.51) ekwivalenti ghal tlieta u tletin elf sitt mija u tlieta u tmenin Ewro u tlieta

u disghin *Euro Cent* (€ 33.683,93) konsistenti f'bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-intimata fuq talba taghha stess.

2. Illi minkejja li f'ittra tal-5 ta' Jannar 2006 (**Dok B)** il-kumpanija intimata irrikonoxxiet dan id-debitu u anke weghdet li se taqta' dan il-bilanc permezz ta' hlasijiet regolari, l-kumpanija intimata m'onoratx din l-offerta'.

3. Illi wara li r-rikorrenti baghtet lill-intimata ittra legali nhar it-22 t'Awissu 2006 (Dok C) u ittra ufficjali nhar l-24 t'Ottubru 2006 (Dok D), id-diretturi tal-kumpanija intimata regghu avvicinaw lir-rikorrenti u weghdu li l-hlas se jsir, pero' l-intimata ghadha sa llum inadempjenti.

4. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta' l-artikoli 167 sa 170 talKodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), stante li l-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tar-rikorrenti l-intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra l-hlas ta' l-imsemmi ammont.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tisma' u tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u

(i) Tiddikjara li l-intimata Vinadio Company Limited hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' erbatax–il elf erba' mija u sittin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm 14,460.51) ekwivalenti ghal tlieta u tletin elf sitt mija u tlieta u tmenin Ewro u tlieta u disghin *Euro Cent* (€ 33.683,93), bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata fuq talba taghha stess.

(ii) Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma ta' erbatax–il elf erba' mija u sittin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm 14,460.51) ekwivalenti ghal tlieta u tletin elf sitt mija u tlieta u tmenin Ewro u tlieta u disghin *Euro Cent* (€ 33.683,93).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-22 ta' Awissu, 2006 u ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 t'Ottubru 2006 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat nhar is-7 ta' Awissu, 2007 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-rikors guramentat u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-nota tas-socjeta' intimata li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' intimata t-talba kif mitluba fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' intimata tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------